**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Novembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**-vs-**

**Marius Muscat, detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 665858M**

**Kumpilazzjoni Nru. 551/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Marius Muscat talli:

1. nhar il-10 ta' Awwissu, 2016, għal ħabta tal-12:30hrs gewwa Triq Dun Karm Psaila, Imsida, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema delitt jikkonsisti f'offiza gravi fuq il-persuna ta' Mario Vella u dan ai termini tal-artikolu 41 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Vella, kif iccertifikat minn Dr K. Causon I.D. 502561M, bi ksur tal-Artiklu 221, tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta ħsara volontarja fuq vettura ta' ghamla Mitsubishi Strada numru ta' reg. HAW 049 a detriment

Mario Vella I.D. 771055M liema hsara ma tiskorriex s-somma ta' €500, izda hija izjed minn €250, u dan ai termini tal- Art.325(b) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal- Ligi ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħalla vettura bil-mutur tal-għamla BMW X6 XDRIVE 35D AUTO bin-numru ta' registrazzjoni HBJ 489 f'xi triq kontra xi regolamenti dwar ipparkjar jew f' dik il-qagħda jew f'dik iċ-ċirkostanza b'mod li aktarx tista' tkun ta' periklu jew ta' xkiel lil nies oħra li jużaw it-triq u dan bi ksur tar-regolament 74 tal-Legislazjoni Sussidjarja 65.11 kif ukoll għal-14 id-dispożizzjoni tat-tieni skeda tal- Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħalla vettura bil-mutur tal-BMW X6 XDRIVE 35D AUTO bin-numru ta' registrazzjoni HBJ 489, li tostakola jew b'xi mod ieħor toħloq xi diżordni jew inkonvenjent f'xi triq, moll, xatt jew post pubbliku ieħor u dan bi ksur tat-12 id-dispożizzjoni tat-tieni skeda tal-Kapitolu 65 kif ukoll tar-regolament 2 tal-Legislazjoni Sussidjarja 65.13 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd), tal-Kaptilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ostakola jew mod ieħor ħoloq xi diżordni jew inkonvenjent permezz ta' oġġett ta' ingombru cioe vettura bil-mutur tal-BMW X6 XDRIVE 35D AUTO bin-numru ta' registrazzjoni HBJ 489 f'xi triq, moll, xatt jew post ieħor, u dan bi ksur tar regolament 11(2), tal- Legislazjoni Sussidjarja 65,13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Mario Vella kif jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 t'Ottubru, 2016, mizmuma minn din il-Qorti, l-Prosekuzzjoni ddikjarat li fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni din ma rrizultatx u ghaldaqstant irtirat din l-akkuza.

Rat li fl-istess udjenza l-imputat rregistra ammissjoni in kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati

ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, ix-xhieda tal-parte leza minn fejn jirrizulta li hu stess jammetti li kellu tort f'dak li sehh izda fuq kollox li llum hu u l-imputat saru *'hbieb kbar',* il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta ampjament illi dan mhux xi *first-time offender*, u c-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Minkejja li l-parte leza hafret lill-imputat u llum il-gurnata saru hbieb, jibqa' l-fatt izda li l-agir tal-imputat kien wiehed deplorevoli u mhux dehen ta' socjeta` civika u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li reati simili fuq it-toroq taghna jammontaw ghall-periklu gratwit ghal sewwieqa in generali u dan minkejja l-ammissjoni bikrija tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 221, 325(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tar-regolament 74 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S.65.11), tat-12 u l-14 id-disposizzjoni tat-Tieni Skeda tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 2 u 11(2) tar-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru (L.S.65.13), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna li jista` jirrikjedi dwar *anger management* kif ukoll, jekk jirrizulta opportun, *refresher course* fuq is-sewqan u fuq 'The Malta Highway Code'.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali billi m'hemmx aktar htiega taghha.

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost, kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**